



# Iż-żerda jew il-kolazzjon ta' Santa Marija fil-Qrendi

Dr Simon Mercieca

Ix-xahar ta' Awwissu huwa sinonimu mal-festa ta' Santa Marija. Biss ftit illum jafu li matul din il-ġurnata, eżattament filgħodu kmieni, din il-festa kienet tibda fil-Qrendi, ħafna sekli ilu, b'kolazzjon. Dan il-kolazzjon kien jingħata wara l-quddiesa tal-festa. Din id-drawwa ta' kolazzjon nhar il-festa, mogħti lil kulħadd li kien imur għall-quddiesa, kienet mifruxa ħafna u nsibuha f'ħafna knejjes madwar Malta u Għawdex. Din kienet drawwa li kienet tinsab fil-Qrendi, matul is-seklu ħmistax jekk mhux qabel. Iżda kif nafu dan?

## Il-kolazzjon tal-festa

Dan nafuh minn dokumumenti storiċi tat-tieni nofs tas-seklu sittax u dawk tal-bidu tas-seklu sbatax. F'dawn id-dokumenti, nsibu referenza għal din id-drawwa u naraw li f'dan il-perjodu, din id-drawwa kienet iddur l-aktar ma' knejjes iddedikati lil Santa Marija jew lil San Nikola. Dan ma jfissirx li ma kienx hemm knejjes b'dedikazzjoni oħra li ma kinux jagħmlu dan it-tip ta' ritwal jew kolazzjon filgħodu kmieni.

Maż-żmien kien hemm tibdil f'din it-tradizzjoni tal-kolazzjon nhar il-festa. Mit-tieni nofs tas-seklu sittax 'il quddiem, dan il-kolazzjon insibuh mogħti lejlet il-festa, wara t-talb tal-ewwel għasar. Allura kif nafu li din id-drawwa kienet qabel filgħodu kmieni nhar il-festa?

Nibdew biex ngħidu li l-Qrendi kien wieħed mill-irħula li mexxa dan il-kolazzjon mill-jum il-festa għal-lejlietha wara l-ewwel għasar. Dan fisser li din it-tradizzjoni setgħet tinżamm. Dawk li ma mexxewx dan ir-ritwal għal-lejlet il-festa, insibu li ma baqgħux jagħmlu din l-ikla bħala parti mill-festa. Ma għandix miktub għala dan ir-ritwal tmexxa minn filgħodu għal filgħaxija. Iżda l-unika raġuni valida tinsab fil-fatt li t-tibdil fir-ritwal seħħ minħabba l-konsum tal-ikel nhar il-festa filgħodu kien qed iwassal biex jinkiser is-sawm li l-insara kienu marbuta li jsumu qabel ma jitqarbnu. Normalment dan kien jibda min-nofsilejl 'il quddiem. B'hekk dan il-kolazzjon tmexxa filgħaxija, lejlet il-festa, biex ma tinkisirx din is-sawma.

Issa d-dokumenti li jitkellmu dwar dan ir-ritwal huma bil-Latin u jagħmlu parti miż-żjajjar pastorali. Kull Isqof tal-gżira, matul il-perjodu li hu magħruf fl-istorja bħal dak modern bikri, kien obbligat li jżur il-parroċċi tal-gżira. Il-perjodu modern bikri Malti jibda mit-tieni nofs tas-seklu sittax sa tmiem is-seklu tmintax. Matul dan il-perjodu, l-Isqof kien jieħu rendikont dettaljat ta' kull knisja li kien iżur. Wara dan il-perjodu, jiġifieri mis-seklu dsatax-il quddiem, l-interess fid-deskrizzjoni tal-knejjes naqas ħafna u d-deskrizzjoni saret aktar ta' natura pastorali.

Il-knejjes tal-Qrendi, bħal bqija tal-knejjes l-oħra ta' Malta, kienu jiġu jarahom l-Isqof jew inkella kien jibgħat xi monsinjur. Meta l-Qrendi kien għadu parti mill-parroċċa taż-Żurrieq, l-Isqof kien jibgħat dawk li kienu jissejħu ko-viżitaturi biex jaraw dawn il-knejjes.

Minn dawn iż-żjajjar nafu li r-raħal tal-Qrendi kien wieħed mill-aħħar irħula f'Malta u f'Għawdex li żamm din it-tradizzjoni li jagħmel din l-ikla f'lejlet il-festa tal-Assunta. Waqt li din l-ikla kompliet tinqata' min-numru ta' irħula, il-Qrendi kien għadu jagħmilha fil-bidu tas-seklu sbatax. Imbagħad inqatgħet wara li sar parroċċa.

Fl-1615, l-isqof Balaguer bagħat il-koviżitaturi tiegħu biex jaraw il-knejjes li kien hawn f'dan ir-raħal. Dawn il-koviżitaturi sabu din id-drawwa f'waħda miż-żewġ knejjes li kien hemm iddedikati lil Santa Marija. Huma sabu din it-tradizzjoni fl-ikbar knisja li kellu l-Qrendi ddedikata lil Santa Marija. Illum din il-knisja m'għadhiex teżisti. Postha ħaditha l-knisja parrokkjali. F'dik il-ħabta, din il-knisja kellha ċimiterju magħha. Fiha kienet ġa ssir il-festa ta' Santa Marija u din il-festa kienet issir bl-Ottava. Dan kien ifisser li ġa kienu jagħmlu ġimgħa ta' festi. Iżda kontra dak li jiġri llum, il-festa ma kinetx tibda minn ġimgħa qabel. Kienet tibda minn lejlet il-festa ta' Santa Marija u tibqa' sejra għat-tmint ijiem ta' wara. Il-kelma 'Ottava' hija kelma Latina li tfisser tmienja, b'referenza għal dawn it-tmint ijiem ta' ċelebrazzjonijiet f'ġieħ l-Assunta. Imbagħad fl-aħħar ġurnata tal-Ottava kienet issir festa kbira daqs dik ta' jum il-festa. Illum l-Ottava hija assoċjata normalment mad-dħul tal-istatwa lura fin-niċċa li tissimboleġġja t-tmiem tal-festa. B'hekk, f'nofs is-seklu sittax, iċ-ċelebrazzjoni tal-festa kienet tibda b'ikla u tispiċċa bl-Ottava.



### *Ientaculum*

Fiż-żjara pastorali tal-1615, din l-ikla kienet spjegata bil-kelma Latina ta' '*ientaculum*'. Fil-Latin klassiku, din il-kelma tfisser kolazzjon jew l-ewwel ikla tal-ġurnata. Eżattament kien il-kolazzjon li wieħed kien jieħu wara li jqum. B'hekk, fl-użu ta' din il-kelma, ġa għandna indikazzjoni ta' ritwal li suppost qed isir filgħodu, iżda f'dan il-każ qed isir filgħaxija.

Issa, fil-Medju Evu, din il-kelma bdiet tintuża biex tfisser ukoll l-ikla li biha wieħed kien jikser is-sawma. B'hekk, meta din il-kelma Latina bdiet tintuża, kienet qed tintuża f'dan il-kuntest ta' ksur tas-sawm li kien hemm marbut mal-festa. Hawn wieħed irid jgħid li fl-imgħoddi kien hemm żewġ tipi ta' sawm. L-ewwel wieħed kien dak marbut mat-tqarbin li kif rajna kien jibda min-nofsilejl 'il quddiem. It-tieni wieħed kien dak marbut mal-festa, jiġifieri, bħala preparazzjoni għall-festa, l-insara kienu jsumu f'lejlet il-festa.

Hawn wieħed irid jiftakar li fl-imgħoddi l-insara kienu jsumu bi preparazzjoni għall-festi l-kbar. Dik ta' Santa Marija kienet u għadha festa maġġuri għall-Knisja. B'hekk il-festa ta' Santa Marija kienet waħda minn dawk il-festi li l-insara kienu jsumu fil-jum ta' qabel il-festa. Issa, fil-Medju Evu, dan is-sawm kien jinkiser nhar il-festa. Ġara li dan is-sawm beda jinkiser qabel it-tqarbin, li fl-imgħoddi kien isir fil-bidu jew fl-aħħar tal-quddiesa. B'hekk din l-ikla tmexxiet f'lejlet il-festa u bdiet tkun assoċjata ma' tmiem tas-sawma bi preparazzjoni tal-festa, aktar milli mas-sawm mistennija mill-insara li jagħmlu qabel it-tqarbin.

Fil-każ tal-Qrendi, meta din l-ikla mxiet minn filgħodu għal filgħaxija, hija bdiet tiġi assoċjata mat-tmiem tas-sawma li n-nies tal-Qrendi kienu jagħmlu bi preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Assunta. Din is-sawma kienet tispiċċa wara l-ewwel għasar permezz ta' din l-ikla. Imbagħad, il-Qrendin kellhom l-obbligu li jsumu mill-ġdid, min-nofsilejl 'l quddiem bi preparazzjoni għat-tqarbin ta' jum il-festa.

Peress li l-isqfijiet kienu ħafna drabi barranin u ma jafux bil-Malti, din it-tip ta' pastorali kienet titħalla għal qassisin jew monsinjuri li jkunu qed jassistu lill-Isqof waqt din iż-żjara u jafu b'ilsien il-poplu. Żgur li meta l-Isqof jew il-koviżitaturi staqsew lin-nies dwar din id-drawwa, huma tawh l-informazzjoni dwarha bil-Malti. Il-Qrendin ma qalulhomx li din kienet *ientaculum*. Qalu li kienu jagħmlu ż-żerda jew iż-żarda. L-istoriku ekkeżjastiku, Monsinjur Vincent Borg jargumenta li l-kelma *ientaculum* kienet tradizzjoni libera ta' din il-kelma semitika.

**JEJUNIUM** QUADRAGESIMALE, in hoc differt a cæteris jejuniis, quod in aliis post nonam, in hoc autem post vesperam reficiebantur. Microlog. cap. 49. Quo vero pacto observaretur a fidelibus, pluribus docent Socrat. lib. 5. cap. 22. Belctus cap. 11. Baronius ann. 57. n. 195. 196. Filesaccus lib. de Quadragesima cap. 5. et 6. Haeftenus lib. 10. Disq. Monast. tract. 8. Binius ad Canones Apost. Henric. Valesius ad lib. 5. Eusebii cap. 24. Joan. Bapt. Cotelerius ad Constit. Apostol. [Thomassinus Tract. de Jejunio, Bailletus de Quadragesima,] et alii. Vide *Quadragesima*.

### Iż-żerda

Issa fil-Latin m'hemmx kelma għal din il-kelma Maltija. L-aktar kelma qrib tagħha hija *ientaculum*. Hawn wieħed irid jgħid li din il-kelma semitika, m'għandhiex fl-Għarbi s-sinjifikat tal-ewwel ikla ta' filgħodu. Mela għala din il-kelma Latina '*ientaculum*' kienet intużat biex tispjega din it-tradizzjoni?

Il-kelma żarda jew żerda m'għadx għandha fil-Malti sinjifikat ta' ikel.

L-ewwel ma' tkellem dwar l-eżistenza tagħha bħala ikel kien il-Professur Godfrey Wettinger. Kien iltaqa' magħha f'dokumenti qodma tas-seklu ħmistax u sabha wżata fil-kuntest ta' ikel li kien jingħata b'xejn matul il-festi reliġjużi. Dan l-ikel kien jingħata filgħodu kmieni. B'hekk nafu li dawk li kellhom din it-tradizzjoni kienu oriġinarjament jagħmlu l-ikla filgħodu kmieni f'jum il-festa.

JANTACULUM, *Cibus quo solvitur jejunium ante prandium; unde Jantaculare & Jantaculari, idem quod Jantare vel Jantari, Comedere ante prandium, solvere jejunium secundum Hugutionem.* Jo. de Janua, qui reprehendit quosdam qui *corrupte solent proferre hac vocabula per e. in prima syllaba, scil. Gento, as, &c.* Qui scribantur hæ voces, hodie satis notum. Usi sunt quidam è Latinis. Vide *Dejejunare & Gentare.*

Ikun għalhekk li kull Isqof li tkellem dwar l-eżistenza ta' din it-tradizzjoni fid-dokumenti miktuba bil-Latin dejjem iddeskriviha bil-kelma Latina ta' *ientaculum*, għaliex din il-kelma l-aktar li kienet tqarreb lejn is-sinifikat taż-żerda. Il-kelma *ientaculum* tiddeskrivi dak li qed jiġri fiż-żerda, jiġifieri, ikla żgħira li storikament kienet qed tittieħed filgħodu u li biha kienet qed tinkiser is-sawma. Interessanti li jkun innutat li din il-kelma Latina bdiet tintuża biex tfisser żerda meta din l-ikla kienet ġa spiċċat minn filgħodu u kienet qed issir lejlet il-festa filgħaxija. B'hekk, meta intgħażlet il-kelma *ientaculum*, in-nies kienu għadhom jaraw iż-żerda bħala ikla marbuta ma' filgħodu. Għalhekk, l-użu ta' dan it-terminu bil-Latin ikompli jikkonferma l-istorja ta' dan ir-ritwal, jiġifieri, qabel it-tieni nofs tas-seklu sittax, iż-żerda kienet assoċjata mal-ewwel ikla tal-jum.

### X'kienet iż-żerda?

Issa din l-ikla taż-żerda x'setgħet kienet? Fil-ktieb ta' Godfrey Wettinger, bl-isem *Kliem Qadim Malti*, għandna numru ta' indikazzjonijiet ta' x'seta' kien jittiekel fiż-żerda. Wettinger ibbaża l-informazzjoni tiegħu fuq dokumentazzjoni qadima. Ikun żball jekk xi ħadd jaħseb li din kienet tikkonsisti f'ikla li dejjem baqgħet l-istess. Din inbidlet maż-żminijiet.

L-indikazzjonijiet huma li din l-ikla tbiddlet u evolviet matul is-snin. Hawn qed nitkellmu fuq tradizzjoni li nsibuha ħajja għal fuq aktar minn mitejn sena.

Dak li hu żgur li din kienet ikla ibbażata fuq prodotti veġitali. B'hekk qed nitkellmu fuq ikla li setgħet tittiekel f'perjodi assoċjati mas-sawm li fihom ma kienx jittiekel laħam. Iżda x'kienu dawn il-prodotti veġitali? L-ewwel indikazzjoni hija li din setgħet kienet ibbażata fuq xi forma ta' qamħ mgħolli. Jeżistu referenzi fejn insibu t-terminu Latin *munitio* wżat b'referenza għall-ingredjenti li kienu jiżdiedu mal-qamħ meta kien jiġi mgħolli.

Il-kittieb Latin, Marcus Terrentius Varro, jispjega l-qamħa bħala '*spica tria habet continentia, granum, folliculum, aristam*', jiġifieri li qamħa għandha fil-parti ta' fuq tagħha tliet partijiet, il-qamħa, iż-żbula u x-xuxgħa.

Issa meta l-qamħa tinxef, tkun għadha mdawra bil-qoxra. Din kienet tissejjaħ *furfur* bil-Latin, bħal pereżempju fil-kelma '*panis furfureus*'. Illum ngħidu dan it-tip ta' ħobż bħala '*whole wheat*'. Imbagħad il-qamħa kienet tiġi mifruda mill-qoxra meta kienet tindires fuq l-andar. Minn din il-qoxra kienu jagħmlu n-nuħħala. Bl-Ingliż insejħulha 'bran'. Din hija l-parti ħarxa tal-qoxra li ddawwar lill-qamħa.

Issa fil-Latin, meta kienu jużaw il-kelma *frumentum* għal qamħ, normalment kienu jifhmu l-qamħa bil-qoxra tagħha. Jidher li dawn it-tnejn kienu jiġu mgħollija flimkien, u meta jsiru taħlita ratba, kienu jiġu mħallta ma' ħwawar u ingredjenti oħra. Din it-taħlita baqgħet magħrufa sew taħt l-isem ta' quċċija.

B'hekk nhar il-festa, il-Qrendin kienu jibdew il-jum b'tgħassida li tixbah ħafna lill-*porridge* li ħafna minnha jieħdu kull filgħodu wara li jqumu, bid-differenza li fl-imgħoddi, il-konsum ta' dan il-*porridge* kien marbut ma' okkażjoni ta' festa.

Din it-taħlita setgħet tat lok biex dan it-tip ta' ikel biex jiżviluppa f'ikla ħelwa. Dan seta' wassal biex żviluppat jew influwenzat it-taħlita tal-qubbajt f'Malta. Il-qubbajt kien jingħata waqt din iż-żerda. Wisq probabbli, il-fatt li din it-tradizzjoni mxiet minn filgħodu għal filgħaxija seta' wassal biex l-għassieda ma baqgħetx popolari filgħaxija u minflok żdied fil-popolarità t-tqassim tal-qubbajjat flimkien ma' ikel ħelu ieħor. Kif rajna, dan it-tip ta' ikel ma kienx jikser is-sawm. Minbarra l-qubbajt, ikel ieħor li kien jitqassam filgħaxija bħala parti miż-żerda, kien il-lewż u frott ieħor xott, flimkien, kif wieħed jista' jimmaġina, bieqja nbid.

Sal-bidu tas-seklu sbatax, din iż-żerda jew żarda baqgħet issir f'numru ta' knejjes fiż-żona ta' bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi. Fil-Qrendi kien hemm knisja oħra li kellha ż-żerda iżda din id-drawwa kienet ġa spiċċat fil-bidu tas-seklu sbatax. Din kienet il-knisja tas-Salvatur. Din kienet tagħmel iż-żerda wara l-ewwel għasar. Knisja oħra li kienet għadha tagħmel iż-żerda fil-bidu tas-seklu sbatax kienet dik ta' San Nikola li kienet tinstab fir-raħal ta' Ħal Manin. Dan ir-raħal illum huwa parti mill-Qrendi.

### Kif bdiet iż-żerda?

Issa l-oriġini ta' din id-drawwa jista' jmur għall-perjodu Għarbi f'Malta, minħabba li ż-żerda kienet tinsab fit-Tuneżija marbuta ma' pellegrinaġġi li l-Musulmani f'Tuneż kienu jagħmlu fuq l-oqbra ta' persuni mejta li jkunu għexu ħajja qaddisa u wara bdew jitqiesu 'qaddisin' mill-Musulmani. Issa, fl-Islam m'hemmx il-kunċett ta' qaddisin. Allura tradizzjoni bħal din tista' tmur anki lura għall-perjodu pre-Musulman, meta l-Afrika ta' Fuq kienet għadha Kristjana. Infatti, il-Biżantini kellhom id-drawwiet ta' konsum ta' ikel marbut ma' festi u ritwali reliġjużi.

Wisq probabbli li dawn it-tradizzjonijiet jissinjifikaw twaħħid ta' kulturi qodma, kemm dawk li jmorru għall-Biżantini u anki għall-Insara Għarab li kienu ġew f'pajjiżna fis-snin tan-nofs, wisq probabbli mis-seklu għaxra jew ħdax-il quddiem. Biss dan imur lil hinn mill-iskop ta' din l-analiżi, anki jekk knejjes qodma fil-Qrendi, bħal dawk ta' San Nikola u s-Salvatur kellhom marbuta magħhom din iż-żerda. Il-kulti ta' dawn iż-żewġ knejjes jistgħu jkunu prova ta' din il-preżenza qadima ta' Kristjani Għarab f'dawn inħawi li ġew mil-Lvant tal-Mediterran.

B'hekk, dan juri l-qedem ta' din id-drawwa. Minn din id-drawwa baqa' l-preżenza tal-bejjiegħ tal-qubbajt fil-festi tagħna. Dan jispjega b'mod antropoloġiku, għala f'Malta, il-qubbajt hu assoċjat mal-festi patronali, meta barra minn xtutna, ikel simili bħall-qubbajt mhux bilfors hu assoċjat ma' dawn il-festi. Fl-Italja għandhom it-*torrone*. Dan hu bħall-qubbajt. Hemmhekk, dan hu assoċjat mal-festa tal-Milied. F'Malta l-qubbajt mhux assoċjat ma' din il-festa.

Fuq kollox, din ir-riċerka turi li fl-imgħoddi, il-qubbajt mhux bilfors kien isir kif isir illum, anki jekk baqa' tracċi tal-mod ta' kif kien isir qabel. Il-qubbajt Malti għandu karatteristika li jkun artab u mhux iebes kif normalment insibuh f'partijiet oħra tal-Mediterran. Nemmen, li jekk isir aktar studju fuq din iż-żerda nistgħu naslu biex niskopru kif kien oriġinarjament verament magħmul il-qubbajt Malti.

B'hekk fil-Qrendi, għandna raħal li kellu fih preżenza taż-żerda u li matulha kien jingħata dan it-tip ta' ikel u qubbajt Malti nhar il-festa ta' Santa Marija. Illum fadal biss fdalijiet żgħar ta' din it-tradiżjoni qadima li nbidlet fix-xeħta tagħha matul iż-żmien, iżda qatt ma rnexxilha tmut għalkollox. Fuq kollox, il-bejjiegħ tal-qubbajt għadna nsibuh f'din il-festa.